# Kelma tal-Ħajja

**OTTUBRU 2024**
**ĦARĠA 10**

moviment tal-fokolari

www.focolaremalta.org

## “Min irid ikun kbir fostkom, għandu jkun qaddej tagħkom, u min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu jsir ilsir ta’ kulħadd” (*Mk* 10, 43-44).

Fi triqtu lejn Ġerusalemm, Ġesù beda jħejji d-dixxipli għall-passjoni u l-mewt tiegħu, iżda kienu propju dawk li mxew warajh mill-qrib li ma setgħux jifhmu dak li kien hemm lest għalih.

Anzi, l-istess appostli bdew jitlewmu bejniethom: Ġakbu u Ġwanni talbuh jagħtihom post ta’ unur “fil-glorja tiegħu”[1], u kif l-għaxra l-oħra semgħu dan, saħnu għalihom u l-grupp deher mifrud.

Imbagħad, bis-sabar kollu, Ġesù sejħilhom ħdejh u reġa’ fissrilhom il-messaġġ ġdid li ried iwasslilhom:

**“Min irid ikun kbir fostkom, għandu jkun qaddej tagħkom, u min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu jsir ilsir ta’ kulħadd”.**

F’dan il-kliem, meħud mill-Vanġelu ta’ San Mark, toħroġ dejjem aktar il-figura tal-qaddej-ilsir. Ġesù jurina t-triq biex ma nibqgħux naqdu biss fil-grupp limitat li fih inħossuna komdi, imma biex naqdu ’l kulħadd bla ma nħallu lil ħadd barra.

Din hi proposta ġdida li tmur kontra l-mod ta’ kif aħna l-bnedmin nifhmu x’jiġifieri l-awtorità, li forsi kienet issaħħar lill-istess appostli, u għandu mnejn issaħħar lilna wkoll.

Tgħid hawnhekk jinsab is-sigriet tal-imħabba Nisranija tagħna?

“Insibu kelma fil-Vanġelu li forsi ma tantx nagħtuha importanza: il-qadi. Naħsbu li hi xi kelma antikwata u ma tixraqx id-dinjità tal-bniedem, li għandu d-dritt jagħti u jirċievi. Madankollu, il-messaġġ tal-Vanġelu qiegħed kollu hawn. U li tħobb tfisser taqdi. Ġesù ma ġiex biex jikkmanda imma biex jaqdi. […] Il-Kristjaneżmu jfisser qadi, li naqdu lil xulxin, u min sempliċiment jagħmel dan – u din hi xi ħaġa li kulħadd jista’ jagħmilha – ikun għamel kollox. Issa dan il-‘kollox’ fih innifsu hu Kristjaneżmu ħaj, u b’hekk jibda jinbidel u jaqbad f’ħuġġieġa sħiħa”[2].

**“Min irid ikun kbir fostkom, għandu jkun qaddej tagħkom, u min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu jsir ilsir ta’ kulħadd”.**

Meta niltaqgħu ma’ Ġesù fil-Kelma tiegħu, għajnejna jinfetħulna. Kif ġralu Bartilmew, kif naqraw fil-versi ta’ wara[3].

Il-laqgħa tagħna ma' Ġesù teħlisna mil-limiti ta' kif naħsbuha, nibdew naraw il-kobor ta' Alla nnifsu, il-proġett tiegħu għal "smewwiet ġodda u art ġdida"[4].

L-eżempju li jagħtina l-Mulej li ħasel riġlejn l-appostli[5], jeħodha kontra l-mod riġidu li ħafna drabi l-komunitajiet ċivili, u xi drabi anki dawk reliġjużi, jirriżervaw għal min jinsab fl-aħħar post tas-soċjetà.

Għalhekk, il-qadi Nisrani jfisser li nimitaw dak li għamel Ġesù, nitgħallmu minnu dan l-istil ġdid ta' kif ngħixu fis-soċjetà tagħna: irridu ngħixu qrib kull bniedem, hi xinhi l-kundizzjoni tiegħu fis-soċjetà.

Giovanni Anziani, qassis Metodista tal-Knisja Valdese, jgħid: "[...] meta nqiegħdu l-fiduċja u t-tama tagħna kollha fil-Mulej li hu qaddej ta' kulħadd, il-Kelma tiegħu titlob minna li nġibu ruħna fid-dinja bil-kontradizzjonijiet kollha tagħha, ta' bnedmin li jġibu l-paċi u l-ġustizzja, bħala bennejja ta' pontijiet għall-ftehim bejn il-ġnus"[6].

Hekk għex Igino Giordani, li kien kittieb, ġurnalista, politiku u missier ta' familja, fiż-żmien meta l-Italja kienet immexxija minn dittatur. Biex ifisser l-esperjenza tiegħu, kiteb hekk: "Il-politika hi fis-sens dinjituż u Nisrani tagħha, qaddejja u m'għandhiex tkun sid: ma tridx tkun mezz ta' abbuż, lanqas ta' setgħa fuq kulħadd jew xi domma. Il-funzjoni u d-dinjità tagħha għandha tkun li taqdi lis-soċjetà, li tħobb b'mod konkret. Hi l-ewwel forma ta' mħabba lejn art twelidna"[7].

Bix-xhieda li Ġesù tana f'ħajtu, hu jistedinna nagħmlu għażla ħielsa: li ma ngħixux aktar magħluqin fina nfusna u ħsiebna biss fl-interessi tagħna, imma li ngħixu għall-oħrajn, u li nġorru fuqna kulma jtaqqalhom, u hekk il-ferħ jinqasam bejn kulħadd.

Ilkoll kemm aħna għandna xi responsabiltà żgħira jew kbira, jew xi setgħa fuq l-oħrajn: fil-politika jew fis-soċjetà, kif ukoll fil-familja, l-iskola, fil-komunità ta' dawk li jemmnu. Ejjew naħtfu l-okkażjoni ta' dawn il-"postijiet ta' unur" li għandna biex naqdu u nibnu rabtiet ġusti bejn kulħadd.

Letizia Magri u t-tim tal-Kelma tal-Ħajja

**1. Ara *Mk* 10, 37.**

**2. C. Lubich, *Servire, rivista «Città Nuova»* 17 (1973/12), pġ. 13.**

**3. Ara *Mk* 10, 46-52.**

**4. Ara *Is* 65, 17 u 66, 22, kif ukoll 2 Pt 3, 13.**

**5. Ara *Ġw* 13, 14.**

**6. https://www.chiesavaldese.org/aria_covers.php?ref=111**

**7. P. Mazzola, *Perle di Igino Giordani*, Effatà editrice, Torino 2019, pġ. 112.**

**ĊENTRU TAL-MOVIMENT TAL-FOKOLARI**
18, 'Stellaelise',
Triq il-Ħuttaf,
Kappara
T. 21 385 801
E. focolare.malta@outlook.com

**www.focolaremalta.org**